C/2024/3274

23.5.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11433 — SÜWAG / ALTERRIC / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3274)

1. Fl-14 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-Kunsill ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Süwag Grüne Energien und Wasser AG & Co. KG (iktar 'il quddiem "Süwag"), ikkontrollata minn E.ON SE (it-tnejn li huma l-Ġermanja), u

— Alterric Deutschland GmbH ("Alterric"), ikkontrollata minn EWE AG (it-tnejn il-Ġermanja).

Süwag u Alterric jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' impriża konġunta.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Süwag hija attiva fil-produzzjoni tal-enerġija, fl-operat tan-networks tal-enerġija u fil-provvista tal-elettriku, tal-gass u tas-sħana lill-klijenti finali;

— Alterric hija attiva fid-disinn, il-kostruzzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni tat-turbini eoliċi, kif ukoll fil-provvista tal-elettriku.

3. L-impriża konġunta se tkun attiva fl-ippjanar, fil-kostruzzjoni u l-operat tat-turbini eoliċi, kif ukoll fil-provvista tal-elettriku.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11433 — SÜWAG / ALTERRIC / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta, fejn għandhom jintużaw id-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24 tad-29.1.2004, p. 1 ("Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË